

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ottubru 2009

dwar l-estensjoni tal-użu taż-żejt tal-alka mill-mikroalka *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7933)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2009/778/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (⁽¹⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Jannar 2008 il-kumpanija Martek Biosciences Corporation għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għal estensjoni tal-użu bħala ingredjent ġdid tal-ikel miż-żejt mill-mikroalka *Schizochytrium sp.*
- (2) Fl-4 ta' Settembru 2008, l-entità kompetenti tal-evalwazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet l-ewwel rapport tal-istudju tagħha. Fdak ir-rapport din waslet għall-konkużjoni li l-estensjoni tal-użu taż-żejt mill-mikroalka *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent tal-ikel kien aċċettabbli.
- (3) Il-Kummissjoni bagħtiet l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri kollha fil-25 ta' Settembru 2008.
- (4) Fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tressqu oġġezzjonijiet motivati għat-tqegħid fis-suq tal-prodott skont din id-dispożizzjoni.
- (5) Fl-ogħżejjonijiet tagħhom l-Istati Membri wrew tħassib dwar il-livelli għolja ta' konsum ta' aċċidi mxaħħmin omega-3 u b'mod partikolari d-DHA (aċċidu docosahexaenoic).
- (6) Madankollu, is-sors ewljeni tal-aċċidi mxaħħmin omega-3 hu ż-żejt tal-ħut. Fl-ikel tal-kategoriji li għalihom ġie mitlub iż-żejt miżjud mill-mikroalka *Schizochytrium sp.* l-aċċidi mxaħħmin tal-omega-3 jistgħu jiġi pprovduti jew miż-żejt tal-ħut jew inkella mill-mikroalka *Schizochytrium sp.*

(7) Għaldaqstant mhux mistenni li l-użu taż-żejt mill-mikroalka fil-gruppi tal-ikel imsemmija fl-Anness se jwassal għal żieda inaċċettabbli għall-konsum ġenerali tal-aċċidi mxaħħmin tal-omega-3.

(8) Iż-żejt mill-mikroalka *Schizochytrium sp.* jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt mill-mikroalka *Schizochytrium sp.* kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/427/KE (⁽²⁾) jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent tal-ikel ġdid għall-użu fl-ikel u fil-livelli massimi kif speċifikat fl-Anness.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni “żejt mill-mikroalka *Schizochytrium sp.*” trid tidher fil-lista ta’ ingredjenti tal-oġġetti tal-ikel li jkun fihom minn dan iż-żejt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lil Martek Biosciences Corporation, 6480 Dobbin Road, Columbia, MD 21045, l-Istati Uniti.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membra tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 144, 12.6.2003, p. 13.

ANNESS

UŻU TAŻ-ŻEJT MILL-MIKROALKA SCHIZOCYTRIUM SP.

Grupp ta' użu	Kontenut massimu ta' DHA (Aċidu docosahexaenoic)
Prodotti tal-ħami (ħbejjeż u panini)	200 mg/100 g
Bars taċ-ċereali	500 mg/100 g
Xarbiet mhux alkoħoliċi (inklużi xarbiet magħmula mill-ħalib)	60 mg/100 ml